**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 2**

**Rikors Maħluf Numru 695/2021 NC**

**Daniel Grima**

**vs.**

**Larson Pace**
**u b'digriet mogħti fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Lulju 2022**
**Montaldo Insurance Agency Limited**
**għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera**
**American Home Assurance Company**
**ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

Illum l-14 ta' Diċembru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur Daniel Grima (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2021 li jgħid hekk:

*"(1) Illi nhar l-14 ta' Ottubru, 2003 ġewwa Hal-Tarxien, seħħ inċident awtomobilistiku bejn vettura tal-marka Hyundai Accent, bin-numru ta' reġistrazzjoni DNL777 misjuqa mir-rikorrent, u vettura tal-marka Renault, bin-numru ta' reġistrazzjoni DBD672, misjuqa mill-intimat, u dana kif jirriżulta mir-Road Accident Report relattiv;*

*(2) Illi għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni kien jaħti unikament l-intimat minħabba traskuraġni, imperizja, nuqqas ta' ħila, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u dana kif ikkonfermat dina l-Onorabbli Qorti stess, permezz ta' sentenza tas-7 ta' Ottubru, 2009, li minnha ma kienx hemm appell, kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata Dok. 'DG1', li fiha l-intimat kien ġie kundannat iħallas id-danni fl-ammont ta' €40,362.68, flimkien ma' l-ispejjeż ġudizzjarji;*

*(3) Illi jidher li dina l-Onorabbli Qorti ma semmietx speċifikatament l-imgħax fis-sentenza msemmija hawn fuq u meta r-rikorrent, tramite l-avukat tiegħu, kiteb lis-soċjeta' assikurattriċi tal-vettura misjuqa mill-intimat, bl-iskop li jithallas is-sorte, l-ispejjeż ġudizzjarji, kif ukoll l-imgħax fuq is-sorte, b'risposta għall-ittra tal-avukat tar-rikorrent, l-istess soċjeta' assikuratriċi, bagħtet cheque li kien ikopri biss is-sorte u l-ispejjeż ġudizzjarji, iżda mhux l-imgħax;*

*(4) Illi l-intimat għandu jigi kundannat jagħmel tajjeb għall-imgħax fuq is-sorte ta' €40,362.68, li għalih kien ġie kundannat fis-sentenza tas-7 ta' Ottubru, 2009, liema ammont, ir-rikorrent kien diġa' illikwida qabel l-istess sentenza, permezz ta' ittra legali datata l-1 ta' Awissu, 2005 (Dok. "DG2"), għal-liema ittra legali qatt ma kien hemm risposta.*

*(5) Illi din il-kawża qegħda ssir biex l-intimat jiġi kundannat iħallas l-imgħax legali fuq is-sorte, li għalih diġa' ġie kundannat definitivament.*

*(6) Illi r-rikorrent jaf bil-fatti hawn fuq esposti personalment.*

> *Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi, jgħid l-intimat, għaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra xierqa u opportuna, m'għandhiex:*
>
> *1. Tillikwida l-imgħax fuq is-sorte ta' €40,362.68, mill-1 ta' Awissu, 2005, jew data oħra li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.*
>
> *2. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent l-imgħax fuq is-sorte, hekk likwidat.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali ulterjuri sad-data tal-ħlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-intimat, li huwa minn issa nġunt biex jidher in subizzjoni."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut Larson Pace (*a fol.* 17 *et seq.*) ippreżentata fit-30 ta' Awwissu 2021 fejn jingħad hekk:

> *"1. Illi preliminarjament diġa' hemm sentenza fl-ismijiet Daniel Grima vs Larson Pace Ċitazzjoni Numru: 657/2007 li ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Ottubru, 2009 li effettivament tifforma ġudikat bejn il-kontendenti u għalhekk peress illi l-mertu ta' din il-kawża diga' huwa res judicata t-talbiet tal-attur għandhom jiġu kollha miċħudin minnufih;*
>
> *2. Illi sekondarjament u ukoll in via preliminari u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni t-talbiet tal-attur huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *3. Illi mingħajr preġudizzju għal ewwel u t-tieni eċċezzjoni u fil-mertu, it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda fl-intier stante illi huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt kif ser jiġi pprovat waqt il-mori tal-proċeduri odjerni;*
>
> *4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ u tal-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/07 AF).

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022 (*a fol.* 71) fejn is-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera American Home Assurance Company ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 53 *et seq.*) ippreżentata mill-attur Daniel Grima fit-3 ta' Ġunju 2022.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 67 *et seq.*) ippreżentata mill-konvenut Larson Pace fl-1 ta' Lulju 2022.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 76 *et seq.*) ippreżentata mis-soċjeta' intervenuta Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera American Home Assurance Company fit-30 ta' Awwissu 2022.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi fid-29 ta' Ottubru 2021 ġie ppreżentat affidavit tal-attur **Daniel Grima** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn jgħid li fl-14 ta' Ottubru 2003 filwaqt li kien qed isuq il-vettura tiegħu tal-għamla Hyundai Accent ġewwa Ħal-Tarxien seħħ inċident stradali mal-konvenut Larson Pace li kien qed isuq vettura tal-għamla Renault. Jgħid li għal dan l-inċident kien jaħti l-konvenut Pace kif konfermat minn sentenza tas-7 ta' Ottubru 2009 (Dok. "DG 1" – *a fol.* 4 *et seq.*) minn liema sentenza ma kienx hemm appell. Jgħid li permezz ta' din is-sentenza Pace ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €40,362.68 flimkien ma' spejjeż ġudizzjarji imma mhux l-imgħax. Jgħid li fis-sentenza msemmija ma ssemmiex l-imgħax u meta l-avukat tiegħu kiteb lis-soċjeta' assikuratriċi, is-soċjeta' assikuratriċi wieġbet billi bagħtet cekk *in full and final settlement* li kien ikopri biss l-ammont tad-danni u l-ispejjeż ġudizzjarji (Dok. "DG 3" – *a fol* 23). Meta rċieva ċ-ċekk, l-avukat tiegħu tah parir sabiex isir rikors ħalli jkun jista' jsarraf ċ-ċekk mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni tal-imgħax (Dok. "DG 4" – *a fol.* 25 *et seq.*). Jispjega li dan ir-Rikors sar u ġie

milqugħ. Jgħid li permezz ta' din il-kawża qed jitlob li l-konvenut Pace jagħmel tajjeb għall-imgħax fuq l-ammont ta' €40,362.68, speċjalment minħabba li l-ammont pretiż kien ġie likwidat qabel l-istess sentenza permezz ta' ittra legali (Dok. "DG 2" – *a fol.* 9 *et seq.*). Jispiċċa billi jgħid li s-soċjeta' assikuratriċi tal-konvenut ma kinitx ipparteċipat fil-kawża minħabba li kienet qed tikkontesta kontra l-istess konvenut li hija ma kinitx responsabbli għal aġir tiegħu (Dok. "DG 5" – *a fol.* 27 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021, xehed **Etienne Scicluna** (Assistent Reġistratur – *a fol.* 34) fejn eżebixxa kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007) deċiża fis-7 ta' Ottubru 2009 u tas-sentenza **Montaldo Insurance Agency Limited noe vs. Charles Tahir et** (Numru 971/2005) deċiża fit-23 ta' Novembru 2020, liema sentenzi ġew immarkati bħala Dok. "ES 1" u "ES 2" (*a fol.* 36 *et seq.*) rispettivament.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2022, ġie ppreżentat affidavit tal-konvenut **Larson Pace** (*a fol.* 48) fejn jgħid li fis-6 ta' Mejju 2005 kien ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u eżebixxa kopja tas-sentenza li ġiet immarkata bħala Dok. "1" (*a fol.* 49 *et seq.*). Jispjega l-iter ġudizzjarju li għadda minnu fejn ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €40,362.68 lill-attur. Isemmi wkoll il-kawża (inkluż l-appell) li għamlet is-soċjeta' assikuratriċi sabiex jiġi dikjarat li hija ma kinitx responsabbli għad-danni sofferti mill-attur. Jgħid li dawn ġew miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tal-attur hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tiegħu, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali tal-kawża odjerna u ta' dik allegata magħha jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- fl-14 ta' Ottubru 2003 seħħ inċident stradali f'Ħal-Tarxien bejn l-attur Grima u l-konvenut Larson Pace;

- permezz ta' ittra[1] datata 11 ta' Diċembru 2003 mibgħuta mill-konsulent legali tal-attur, il-konvenut Larson Pace ġie nterpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni;

- permezz ta' sentenza[2] mogħtija fis-6 ta' Mejju 2005 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Larson Pace**, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-konvenut Larson Pace ħati li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti nvolontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Daniel Grima;

- permezz ta' ittra uffiċjali[3] ppreżentata fit-13 ta' Ġunju 2005, l-attur Grima interpella lill-konvenut Pace sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni kaġunati minnu, liema danni jirreferu għad-debilita' permanenti sofferti minn Grima bħala riżultat tal-inċident stradali *de quo*;

- permezz ta' ittra[4] datata l-1 ta' Awwissu 2005, Larson Pace intalab iħallas is-somma ta' Lm17,327.70 ekwivalenti għal €40,362.68 bħala *lucrum cessans* u *damnum emergens*;

- permezz ta' ittra ufficjali[5] ippreżentata fit-3 ta' April 2007, l-attur Grima reġa' interpella lill-konvenut Pace sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' dannu kaġunati minnu;

- fit-18 ta' Ġunju 2007 l-attur Grima fetaħ kawża (Numru 657/2007 AF)[6] kontra l-konvenut Pace fejn intalab, fost l-oħrajn, li jiġu llikwidati d-danni konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans* sofferti mill-attur in segwitu tal-inċident stradali *de quo*;

---

[1] Dok. "Ċ" – *a fol.* 14 tal-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF).
[2] Dok. "K" – *a fol.* 48 *et seq.* tal-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF).
[3] Dok. "D" – *a fol.* 15 tal-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF).
[4] Dok. "M" – *a fol.* 53 tal-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF).
[5] Dok. "E" – *a fol.* 16 tal-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF).
[6] A *fol.* 1 *et seq.* tal-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF).

- permezz ta' sentenza mogħtija fis-7 ta' Ottubru 2009, il-konvenut Pace ġie ordnat minn din il-Qorti diversament preseduta sabiex iħallas lill-attur Grima is-somma ta' €40,362.68 flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Illi jirriżulta paċifiku mir-Rikors Maħluf tal-kawża bin-Numru 657/2007 AF hawn fuq imsemmija li l-attur naqas milli jitlob l-imgħax u jirriżulta wkoll li permezz ta' ittra datata 28 ta' Jannar 2021 (*a fol.* 23) is-soċjeta' ta' assikurazzjoni intervenuta bagħtet ċekk fl-ammont ta' €48,474.08, f'liema ittra ingħad li fis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2009 ma kien hemm ebda kundanna għal ħlas ta' imgħax.

Illi in vista ta' dan iċ-ċekk, fit-18 ta' Ġunju 2021 l-attur ippreżenta Rikors fl-atti tal-kawża bin-Numru 657/2007 AF fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex ikun jista' jsarraf iċ-ċekk waqt li fl-istess ħin iħalli impreġudikata l-kwistjoni tal-imgħax, liema Rikors ġie milqugħ minn din il-Qorti diversament preseduta permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta Ġunju 2021 u għalhekk il-kwistjoni tal-imgħax baqgħet impreġudikata.

Illi qabel il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tal-attur Grima hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tiegħu, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari eċċepiti fir-Risposta Maħlufa tal-konvenut Pace.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Eċċezzjoni</u>**
**(<u>Res *Judicata*</u>):**
Illi fl-ewwel (1) eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut Pace jargumenta li diġa' kien hemm sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF) li ġiet deċiża fis-7 ta' Ottubru 2009 u li tifforma ġudikat bejn il-kontendenti.

Illi dwar l-istitut ta' *res judicata* l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru 2020 fil-kawża fl-ismijiet **David Theuma et vs. Giuseppe Spiteri** (Numru 129/2012/2) fejn il-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "17. Kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba (i) biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, (ii) li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u (iii) li ttemm il-possibilita' ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun ingħatat[7]."

Illi fuq binarju simili fis-sentenza mogħtija fis-17 ta' Frar 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Kontrollur tad-Dwana vs. J.T.E. Limited** (Numru 67/1998/1), il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Issa, għandu jingħad li l-eċċezzjoni tar-"res judicata" tagħmel sens biss meta l-elementi f'kawża jkunu l-istess bħal dawk ta' kawża li ġiet deċiża u għaddiet in gudikat. Ċioe' iridu jikkonkorru t-tlett elementi, "ċioe' l-istess persuni, l-istess oġġett, u l-istess kawżali ... ... "*eadem personae, eadem res, eadem causa petendi*". (Aquilina vs. Gasan 5-11-1934, Vol XXIX-I-1155; u Debattista vs. Farrugia Vol. XLII-II-917).
>
> Jingħad ukoll li l-eċċezzjoni ta' "res judicata" hija ta' interpretazzjoni strettissima u trid tirriżulta ċara u evidenti. (Dr Jose' Herrera noe –vs- Anthony Cassar et noe – deċ – 05.10.1992 Appell Kummerċjali – Vol. LXXVI-II-489)."

Illi fis-sentenza mogħtija fid-29 ta' Jannar 2016 fil-kawża fl-ismijiet **Sharon Zahra vs. Stefan Zahra** (Numru 192/2014), il-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Hu magħruf li r-rekwiżiti biex l-eċċezzjoni tirnexxi huma tlieta u ċioe' l-identita' tal-persuni, tat-talba u tal-oġġett – *eadem personae, eadem res, eadem causa petendi*. Għalhekk kull eżami dwar din l-eċċezzjoni għandha bżonn ta' indaġni ta' dawn it-tlett fatturi. Ma hemmx dubbju li f'din il-kawża, dawn l-elementi jissussistu t-tlieta; il-kawża hija

[7] *Vide* **Charles Cortis v. Francis X Aquilina et** 25/09/2003; P.Awla; (JRM).

bejn l-istess partijiet, qed issir l-istess talba u fuq l-istess kawżali."

Illi fl-ewwel (1) talba tiegħu l-attur jitlob li l-Qorti tillikwida l-imgħax fuq is-*sorte* ta' €40,362.68 mill-1 ta' Awwissu 2005 jew data oħra li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha (*a fol.* 76 *et seq.*) is-soċjeta' intervenuta Montaldo Insurance Agency Limited tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fid-19 ta' Novembru 2001 fil-kawża fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs. Andrew Mamo noe** (Numru 247/1995). Il-Qorti tinnota li fis-sentenza appena msemmija kien hemm talba speċifika sabiex il-Qorti tillikwida d-danni inkluż l-imgħax, waqt li l-kwistjoni kienet marbuta mad-data minn meta kellu jiddekorri l-imgħax. Fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF) l-imgħax ma ntalabx waqt li f'din il-kawża qed jintalab l-likwidazzjoni tal-imgħax. Konsegwentement ma jistax jingħad li l-kwistjoni fil-kawża odjerna hija dwar l-istess talba hekk kif deċiża fis-sentenza kkwotata fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjeta' intervenuta.

Illi kemm mir-Rikors Maħluf tal-kawża odjerna kif ukoll minn analiżi tar-Rikors Maħluf fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs Larson Pace** (Numru 657/2007 AF) jirriżulta li l-attur ma talabx l-imgħax fil-kawża għad-danni kontra Larson Pace li diġa' ġiet deċiża.

Illi minn analiżi tas-sentenza mogħtija fis-7 ta' Ottubru 2009 fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF), il-Qorti diversament preseduta ma semmiet xejn dwar l-imgħax.

Illi fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **L-Imħallef Dr. Alberto Magri et vs. Advantage Advertising Limited et** (Numru 442/2005/1), il-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "51. L-aħħar aggravju tal-atturi jolqot l-imgħaxijiet. L-atturi jgħidu illi talba għall-ħlas tal-kapital tinkludi fiha talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet relativi wkoll u għalhekk ma huwiex meħtieġ illi ssir talba speċifika għall-imgħaxijiet.
>
> 52. *Ubi lex voluit dixit; ubi noluit tacuit*. L-art. 177 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi "l-klawsola «bl-ispejjeż» titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż", iżda ma tgħidx l-istess ħaġa dwar l-imgħaxijiet. Dan ifisser illi jekk l-atturi riedu l-imgħaxijiet kellhom jagħmlu talba speċifika għalihom.
>
> 53. Dan l-aħħar aggravju tal-atturi huwa għalhekk miċħud."

Illi, meħud in konsiderazzjoni, dak li ngħad hawn fuq u dak li jirriżulta fis-sentenzi hawn fuq ikkwotati jsegwi li l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenut Pace għandha tiġi miċħuda.

**<u>It-Tieni Eċċezzjoni</u>**
**<u>(Preskrizzjoni)</u>:**
Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut Pace jeċċepixxi li t-talbiet tal-attur huma preskritti *ai termini* ta' Artikolu 2154(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jistabbilixxi s-segwenti:

> "Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali."

Illi minn analiżi tad-diċitura tal-artikolu in kwistjoni jirriżulta li dan l-artikolu japplika għad-danni kkaġunati b'reat. Fil-każ odjern, dak li qed jitlob l-attur huwa l-interessi talli dawk id-danni damu ma jitħallsu u mhux il-likwidazzjoni ta' tali danni. Konsegwentement il-Qorti hija tal-fehma li Artikolu 2154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax u b'hekk il-Qorti ser tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in eżami.

**L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Talba**
**(Tillikwida l-imgħax fuq is-*sorte* ta' €40,362.68 mill-1 ta' Awwissu 2005, jew data oħra li l-Qorti jidhrilha xierqa)**

**(Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-imgħax fuq is-*sorte* hekk likwidat)**:
Illi l-Qorti ser tikkunsidra dawn iż-żewġ talbiet flimkien minħabba li waħda hija konsegwenzjali għall-oħra.

Illi fil-fehma tal-Qorti n-natura ta' l-azzjoni odjerna mhijiex azzjoni minħabba reat iżda azzjoni naxxenti mill-Artikolu 1139 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjeta', jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena." [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti tinnota li l-ewwel darba li l-ammont ta' €40,362.68 ġie likwidat kien permezz ta' ittra legali datata l-1 ta' Awwissu 2005[8] fejn l-attur talab is-somma ta' Lm17,327.70 ekwivalenti għal €40,362.68 li huwa s-*sorte* kanonizzat mill-Qorti fir-Rikors Maħluf Numru 657/2007 AF li huwa ndikat ukoll fl-ewwel (1) talba tal-kawża odjerna. L-ittra legali msemmija mhijiex biżżejjed minħabba li Artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jsemmi: *"att ġudizzjarju"*. Is-sub-artikolu msemmi jgħid li f'kull każ ieħor li ma jkunx bħal Artikolu 1141(1),

> *"l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni."* [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti tinnota li fl-ittri uffiċjali tat-13 ta' Ġunju 2005[9] u tat-3 ta' April 2007[10] l-attur Grima interpella lill-konvenut Pace sabiex jersaq

[8] Dok. "M" – *a fol.* 53 tal-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF).
[9] Dok. "D" – *a fol.* 15 tal-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF).

għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni kaġunati minnu, liema danni jirreferu għad-debilita' permanenti sofferti minn Grima bħala riżultat tal-istess inċident stradali b'dan illi fl-imsemmija ittri uffiċjali ma ssemma l-ebda ammont. Lanqas fir-Rikors Maħluf tal-kawża **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF) ma ssemma l-ebda ammont.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Renato Ellul vs. Emmanuel Delicata noe et** (Numu 73/1983/1), fejn il-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "Iżda l-aggravju tal-atturi appellanti ma jistax jiġi akkolt minn din il-Qorti nkwantu d-danni dovuti in forma ta' imgħaxijiet huma hekk dovuti minħabba dewmien fl-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni li *"jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata"* (art. 1139) u huwa principju assodat fil-ġurisprudenza nostrana li **"in liquidandis non fit mora"** u ċioe' li meta kreditu ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm għandu jħallas u minħabba f'hekk ma jkunx jista' jħallas u għalhekk ma jkunx moruż fil-pagament."

Illi minħabba li fl-ittri uffiċjali hawn fuq imsemmija l-ammont kien għadu mhux kwantifikat u minħabba li Artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li *"l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju"* u minħabba li anqas fir-Rikors Maħluf tal-kawża **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF) ma ssemma l-ebda ammont likwidat, b'hekk ifisser li għall-fini tal-liġi l-ammont ġie likwidat biss permezz tas-sentenza mogħtija fis-7 ta' Ottubru 2009.

Illi s-soċjeta' intervenuta Montaldo Insurance Agency Limited tilmenta mill-fatt li l-attur Grima tramite l-avukat tiegħu aċċetta l-pagament magħmul lilu. Dwar dan il-Qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fit-22 ta' Ġunju 2021 fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF) fejn

[10] Dok. "E" – *a fol.* 16 tal-kawża fl-ismijiet **Daniel Grima vs. Larson Pace** (Numru 657/2007 AF).

il-Qorti diversament preseduta awtorizzat li jiġi msarraf iċ-ċekk maħruġ mis-soċjeta' intervenuta b'dana illi l-kwistjoni tal-imgħax baqgħet impreġudikata.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tikkundanna lill-konvenut Pace sabiex iħallas imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-*sorte* ta' €40,362.68 mis-7 ta' Ottubru 2009 b'dana li fil-kalkoli jrid jittieħed in konsiderazzjoni li fit-28 ta' Jannar 2021 (Dok. "DG 3" – *a fol.* 23 *et seq.*) tħallas is-*sorte*. Dan huwa l-ammont dovut mis-7 ta' Ottubru 2009 sat-28 ta' Jannar 2021:

| | |
|---|---|
| mis-7 ta' Ottubru 2009 | €752.25 |
| 2010 | €3,229.01 |
| 2011 | €3,229.01 |
| 2012 | €3,229.01 |
| 2013 | €3,229.01 |
| 2014 | €3,229.01 |
| 2015 | €3,229.01 |
| 2016 | €3,229.01 |
| 2017 | €3,229.01 |
| 2018 | €3,229.01 |
| 2019 | €3,229.01 |
| 2020 | €3,229.01 |
| sat-28 ta' Jannar 2021 | €247.80 |
| **Total** | **€36,519.16** |

B'hekk isegwi li l-Qorti ser tilqa' kemm l-ewwel (1) talba tal-attur u kif ukoll it-tieni (2) talba tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Larson Pace;

2. Tilqa' l-ewwel (1) talba tal-attur Daniel Grima u tillikwida l-imgħax dovut fuq is-*sorte* ta' €40,362.68 mis-7 ta' Ottubru 2009

kif hawn fuq spjegat fl-ammont ta' sitta u tletin elf, ħames mija u dsatax il-Euro u sittax il-ċenteżmu (€36,519.16);

3. Tilqa' t-tieni (2) talba tal-attur Daniel Grima u tikkundanna lill-konvenut Larson Pace jħallas lill-attur Grima l-ammont ta' sitta u tletin elf, ħames mija u dsatax il-Euro u sittax il-ċenteżmu (€36,519.16) hekk kif hawn fuq likwidat.

Finalment, il-Qorti tordna li l-imgħax legali ulterjuri sad-data tal-ħlas effettiv u l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-proċedura għandhom jitħallsu mill-konvenut Larson Pace.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**